MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 22/1998/2

**Gourmet Company Limited u**
**Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**v.**

**Mariano Vella u b'digriet tal-15 ta' Novembru 2004**
**stante l-mewt ta' Mariano Vella**
**l-atti gew trasfuzi f'isem Anthony Vella, u**
**Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja ta'**
**Malta u Ghawdex**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mis-socjeta` attrici u Domenico Savio sive Savio Spiteri proprio minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili fit-18 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi, in forza ta' liema dik il-Qorti kienet cahdet talba ta' l-appellanti sabiex tirrevoka "*contrario imperio*" digriet taghha moghti fis-16 ta' Jannar 1998 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 563/97 fl-ismijiet: "Gourmet Company Limited et v. Mariano Vella".

2. Il-fatti fis-semplicita` taghhom huma s-segwenti: Fid-19 ta' Novembru 1997 is-socjeta` Gourmet Company Limited kienet talbet u otteniet il-hrug ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru kontra Mariano Vella (l-appellat, illum mejjet) f'idejn erba' banek kummercjali u dan in kawtela ta' l-ammont ta' Lm15,600 u dan skond kif intalab mir-rikorrent f'kawza istitwita mis-socjeta` appellanti kontra l-appellat Vella (Citazzjoni numru 231/97).

3. L-imsemmi Mariano Vella pprezenta rikors fit-3 ta' Dicembru 1997 quddiem l-ewwel Qorti fejn talab ir-revoka tal-mandat surreferit "b'effett immedjat" jew, sussidjarjament, li l-Qorti tordna r-revoka ta' l-istess mandat fil-kaz li s-socjeta` attrici tonqos milli tiddepozita ammont ta' flus bizzejjed biex tiggarantixxi d-danni u penali illi eventwalment sejrin ikunu dovuti lil Vella.

4. L-ewwel Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` attrici u ta' l-attur Spiteri b'sentenza datata t-18 ta' Jannar 2002, fejn <u>*inter*</u> <u>*alia*</u> rriteniet kif gej:

"Illi permezz tal-prezenti azzjoni l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka tad-digriet tas-16 ta' Jannar (1998) moghti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 563/97. Il-konvenut qieghed jopponi principalment stante li jsostni li l-Artikolu 836, subartikolu (5) tal-Kap. 12 jippreкludi kull dritt li dan isir billi digriet ta' din ix-xorta huwa finali u irrevokabbli u konsegwentement hu inappellabbli u ma jistax jigi impunjat. Espanda din il-linja difensjonali fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu.

Illi l-konvenut ghandu ragun u din il-qorti assolutament ma tistax tissindika d-digriet li l-atturi qeghdin jimpunjaw permezz tac-citazzjoni prezenti liema digriet fi kliem testwali tal-ligi huwa “finali u irrevokabbli”.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq esposti qeghdha tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.”

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI U DOMENICO SAVIO SIVE SAVIO SPITERI, ATTUR</u>**

5. Is-socjeta` attrici u l-attur Spiteri proprio interponew appell mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fuq zewg aggravji li jistghu jigu sintetizzati fil-qosor kif ser jinghad:-

(I) Illi l-konvenut Mariano Vella kkommetta irregolarita` procedurali serja li kellha impatt fuq il-mod kif giet deciza l-kawza, liema irregolarita` kienet timmerita censura u twassal ghan-nullita`.

(II) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, is-sentenza appellata kienet zbaljata in kwantu waslet ghall-konkluzjonijiet legali skorretti u dan, partikolarment, fl-interpretazzjoni li tat ta’ l-Artikolu 836 tal-Kap. 16 riferibbilment ghas-subartikolu (5), fid-dawl ta’ dak li jinghad fis-subartikolu (1) ta’ l-istess artikolu.

Il-Qorti sejra tiddelibera dwar dawn iz-zewg aggravji kif elenkati mill-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

6. Fir-rigward ta’ l-ewwel aggravju, l-appellanti jilmentaw b’mod esagerat u enfatiku ghar-raguni li filwaqt li “fis-seduta tat-13 ta’ Lulju 2001 meta l-kawza thalliet biex jigu pprezentati noti ta’ l-osservazzjonijiet u ghas-sentenza” gara minflok li huma baqghu minghajr l-opportunita` li jippprezentaw nota jew li jirrispondu ghan-nota tal-kontroparti, mentri l-kontroparti, b’malafede u “b’rizultat ta’ l-inikwita` taghha,” irnexxielha tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet b’notifika skorretta. Di fatti, jghidu l-

appellanti, l-appellat intenzjonatament u biex iqarraq ordna li n-nota tieghu tigi notifikata lill-avukat li fil-bidu kien jippatrocina lill-atturi u li insegwitu rrinunzja ghall-patrocinju u
"B'hekk l-atturi ma gewx a konoxxenza tas-sottomissjonijiet finali tal-konvenut Mariano Vella u (ma) kellhomx l-opportunita` li jirribattuhom jew imqar li jitolbu l-fakulta` li jirribattu s-sottomissjonijiet finali tal-konvenut Vella."

Ghalhekk, dejjem skond l-appellant,
"hemm lok li tigi dikjarata nulla s-sentenza appellata minhabba irregolarita` fil-proceduri li kellha impatt fuq il-mod kif giet deciza l-kawza."

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, ma hijiex tal-fehma li l-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed fondat u li hemm xi lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita`. Ibda biex tajjeb li jinghad li originarjament l-appellanti atturi kienu qeghdin jigu patrocinati minn avukat iehor jigifieri minn Dr. Malcolm Pace, ghalkemm jirrizulta wkoll li kienet saret talba ghal otteniment ta' differiment b'rikors iffirmat minn avukat iehor, jigifieri Dottor Aaron Attard Hili (ara fol. 29). Dr. Pace fil-fatt irrinunzja ghal patrocinju ta' l-attur fis-seduta tal-11 ta' Frar 1999. Floku dahal l-avukat attwali ta' l-appellanti, jigifieri Dottor Tonio Azzopardi. <u>Minn ezami ta' l-atti din il-Qorti jirrizultalha kjarament li l-ewwel Qorti kienet pjuttost indulgenti zzejjed mal-partijiet fil-kawza, partikolarment ma' l-atturi</u>, u ghalhekk huwa ferm ingust, jekk mhux addirittura assurd, li jigi sottomess (kif iridu jaghtu x'jifhmu l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom) li l-ewwel Qorti mxiet maghhom b'mod legalment skorrett u b'mod li ma tathomx "*a fair hearing*". Jirrizulta li fis-26 ta' Ottubru 1998, jigifieri proprju <u>jum qabel ma kellha tinstema' l-kawza</u> (li kienet gejja minn differiment datat 12 ta' Mejju 1998), l-attur Domenico Savio Spiteri pprezenta talba ghal differiment ghar-raguni "illi r-rikorrenti u l-Avukat tieghu sejrin ikunu impenjati fil-Qrati ta' Malta" u jissemmew zewg kawzi. Bla ma kien inghata digriet, dakinhar tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 1998, ma deher hadd ghan-naha attrici. Minkejja li l-kontroparti insistiet li l-kawza tigi kkancellata, il-Qorti

halliet il-kawza “ghall-ahhar darba ghall-provi ta’ l-attur” ghas-seduta tal-11 ta’ Frar 1999. Fil-11 ta’ Frar 1999, jigifieri dakinhar stess li fihom l-atturi kienu tenuti li jressqu l-provi taghhom (fl-interess taghhom ukoll wara kollox), dawn ipprezentaw rikors b’talba ghar-rikuza tal-magistrat sedenti, u dan in konnessjoni ma’ ilment mibghut lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja da parti ta’ l-attur in data tal-15 ta’ Dicembru 1998. Apparti, il-meritu ta’ dan l-ilment, kienu korretti l-appellanti li jhallu dan kollu proprju ghal dakinhar stess li fih suppost ressqu l-provi taghhom? Meta, gustament fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti insistiet li l-atturi jghaddu ghall-provi taghhom, Dottor Pace f’isem l-atturi talab differiment ta’ gimgha biex iressaq il-provi tieghu. Wara li din it-talba giet respinta, Dottor Pace rrinunzja ghall-patrocinju. Il-Qorti ghalhekk ipposponiet il-kawza ghas-siegha ta’ wara nofsinhar ta’ dakinhar biex jew jitressqu l-provi jew inkella tikkancella l-kawza fin-nuqqas li dan isir. Wara li l-ewwel Qorti rrealizzat li l-ordni taghha setghet kienet wahda iebsa wisq u “a skans ta’ kull ekwivoku, iddifferiet minflok il-kawza ghall-4 ta’ Marzu 1999” ghall-provi ta’ l-attur “u fin-nuqqas il-Qorti tordna l-kancellament tal-kawza” – proprjament f’tali nuqqas l-ewwel Qorti kienet tenuta li tiddeciedi l-kawza skond ma jkun jirrizultalha u mhux tikkancella l-kawza. L-avukat gdid li inkarigaw l-atturi evidentement deher li ma kienx ser jimxi differentement minn dak ta’ qablu ghar-raguni li b’rikors tieghu datat it-2 ta’ Marzu 1999, jigifieri jumejn biss qabel is-smigh tal-kawza, baghat jitlob differiment ghaliex kellu gia` impenji ohra quddiem il-qrati Maltin. Huwa minnu li fir-rikors (fol. 38 tal-process) l-avukat jippremetti li kien “ghadu kemm gie inkarigat mis-socjeta` attrici biex jassistiha fil-kawza u jassumi l-patrocinju taghha”, izda jekk inhuwa hekk agixxiet zbaljatament l-istess socjeta` li halliet kollox ghall-ahhar u certament ma kien hemm ebda nuqqas mill-ewwel Qorti x’jigi ccensurat. L-ewwel Qorti, b’indulgenza notevoli versu l-atturi laqghet it-talba ghal fini ta’ differiment u halliet il-kawza ghall-provi ghall-15 ta’ April 1999.

Is-seduta tal-15 ta’ April 1999 inzammet fil-presenza tal-partijiet, b’dana wkoll li l-atturi gew “awtorizzati

jipprezentaw nota ta' l-osservazzjoniet bil-visto jew notifika tal-kontroparti ghas-17 ta' Gunju 1999". Minn dan kollu l-atturi m'ghamlu xejn. Minflok, dehret dakinhar stess tas-seduta l-Avukat Dr. Monica Vella fejn addirittura talbet differiment iehor ghan-nom ta' Dr. Tonio Azzopardi "ghax dan kien imsiefer". Il-kontroparti opponiet – gustament fil-fehma ta' din il-Qorti – ghar-raguni illi t-talba ma saritx b'rikors u fit-terminu stabbilit fl-allura Artikolu 195(4) tal-Kap. 12. Minkejja dan, l-ewwel Qorti kkoncediet differiment iehor u halliet il-kawza ghat-30 ta' Novembru 1999 (fol. 42) "b'dan illi jekk ma jsir xejn tawtorizza l-konvenut iressaq il-provi tieghu u wara tghaddi ghas-sentenza". Fit-30 ta' Novembru 1999 rega' ma 'sar xejn' u dan "peress illi l-avukat ta' l-atturi ma setghax jaccedi l-Qorti Ghawdex minhabba l-maltemp". Jigi nnutat li skond il-verbal ta' din is-seduta (fol. 44) kien hemm prezenti biss ghaliha l-konvenut flimkien ma' l-avukat tieghu. Il-kawza thalliet ghal darb'ohra ghas-6 ta' April 2000. Billi kien hemm xi dokumenti li kellhom jigu allegati ma' l-atti tal-kawza u dawn kienu ghadhom ma gewx hekk allegati, rega' ma sar xejn, u l-kawza thalliet ghat-12 ta' Ottubru 2000. Il-Qorti hawn tinnota li l-atturi xorta wahda ma pprevalixxewx ruhhom minn dik is-seduta biex iressqu l-provi taghhom. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000, imbaghad, Dr. Tonio Azzopardi ghall-attur proprio et nomine rega talab differiment iehor bir-rizultat li ghal darb'ohra rega' ma sar xejn. Il-kawza thalliet ghall-15 ta' Frar 2001. Kwazi b'mod inkredibbli, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2001, Dr. Azzopardi f'isem il-patrocinati kollha talab l-ennezimu differiment u dan bla ma jaghti ebda raguni jew ta' lanqas jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet li suppost kellu jipprezenta sas-17 ta' Gunju 1999. Il-kawza thalliet mill-gdid ghall-31 ta' Mejju 2001. F'dik is-seduta pero` la dehru l-attur u lanqas l-avukat tieghu. L-ewwel Qorti donnha stenbhet u rregistrat verbal iebes kontra l-inadempjenza ripetuta ta' l-atturi pero` xorta wahda halliet il-kawza ghall-provi kollha ghat-13 ta' Lulju 2001. Fit-13 ta' Lulju 2001 l-avukati tal-kontendenti regghu qablu (!) li l-meritu tal-kawza kien dwar punt ta' ligi u kien ghalhekk opportun li ssir nota minn kull parti u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Gara li filwaqt li l-atturi baqghu ghal darb'ohra ma ghamlu assolutament xejn entro z-zmien moghti lilhom

mill-Qorti, il-kontroparti konvenuta invece ipprezentat in-nota taghha pero` dawn hargu notifika lil Dr. Malcolm Pace. Din in-nota giet ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2001 filwaqt li l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza fil-18 ta' Jannar 2002. Fit-18 ta' Jannar 2002, bl-akbar sfaccataggini fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti (li normalment tipprova tevita milli tuza termini hekk goffi) l-avukat ta' l-atturi filwaqt li skuza ruhu talli ma pprezentax in-nota fiz-zmien moghti lilu, talab li jipprezenta nota dakinhar stess u dan ukoll billi l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza. It-talba tieghu giet michuda u l-Qorti ppronunzjat is-sentenza. Wara li nghatat is-sentenza deher Dr. Malcolm Pace biex jispjega li hu kien irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-attur u li hu ma kienx gie notifikat. Issa Dr. Azzopardi qieghed jaghmel plejtu shih minhabba din l-iskorrettezza li l-parti l-ohra tghid – kwantu ghan-notifika jigifieri – li saret bi zvista.

8. Din il-Qorti m'hijiex tant impressjonata bil-veracita` tad-dikjarazzjoni ta' l-avukat tal-konvenut li n-notifika lil Dottor Pace saret "bi zvista" izda lanqas ma tista' tuza tali nuqqas bhala bazi soda biex tannulla s-sentenza appellata kif mitlub mill-appellanti. L-ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata illi tichad kull talba ulterjuri ghal fini ta' differiment da parti ta' l-atturi. Jekk kellha nuqqas l-ewwel Qorti kien proprju dak li kienet wisq indulgenti ma' l-atturi u ghalhekk li issa jsir rikors bl-aggravju li l-parti attrici ma gietx moghtija smigh xieraq mhux talli huwa aggravju infondat u fieragh imma jirrazenta d-disprezz. Jekk l-atturi riedu tassew iressqu l-argomenti taghhom altru milli kellhom kwalsiasi opportunita`. Ghal dan il-mottiv, din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tkompli tiddilunga aktar fuq dan l-ewwel aggravju.

9. It-tieni aggravju – li jinvesti l-meritu proprju tal-vertenza – huwa wiehed ta' indole legali.

Skond l-appellanti, huma setghu jikkontestaw id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fejn cahdet talba taghhom biex tigi revokata ordni ghall-hrug ta' kontro-mandat. Bis-sentenza taghha in propozitu, l-ewwel Qorti rriteniet li, in bazi ta' l-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12, digriet bhal dak li nghata la

seta' jigi kkontestat u lanqas appellat billi kien wiehed finali u irrevokabbli.  L-appellanti ma jaqblux ma' tali interpretazzjoni.  Huma qeghdin invece jsostnu li dan is-sub-artikolu irid jigi kkunsidrat ukoll fil-kuntest ta' dak li hemm imnizzel fis-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 836 li jipprovdi espressament ghall-metodi ohra ta' mpunjazzjoni b'digrieti billi juza l-kliem "minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra...." Skond l-appellanti, li kieku l-Artikolu 836(5) kellu jigi interpretat illi anke jeddijiet ohra pre-ezistenti ghall-emendi introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995 gew eliminati, allura dan kien ihalli lir-rikorrent aggravat minghajr ebda rimedju, u kien ukoll imur kontra s-subinciz (1).  Skond l-appellanti, "il-procedura msemmija fl-Artikolu 836 hija "*over and above* jeddijiet ohra" moghtija mill-appellanti.

10.  Ikun utli hawn li jigi riportat l-Artikolu 836(5) li jghid li gej,
"Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-sub-artikolu, (1) ta' dan l-artikolu, u dan id-digiret ikun finali u irrevokabbli;  u barra l-kaz kontemplat fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (1) ebda att kawtelatorju bhal dak ma jista' jinhareg biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inhareg, kemm-il darba fir-rikors ghall-hrug ta' dak l-att kawtelatorju bhal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalghu cirkostanzi minn meta gie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiggustifikaw il-hrug ta' att kawtelatorju gdid bhal dak li jkun gie revokat, u d-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu ghandhom, ma' dan, japplikaw ghal dak l-att kawtelatorji mahrug mill-gdid bis-sahha ta' dak ir-rikors."  (Sottolinear tal-Qorti).

11.  Ma hemmx dubju li d-dicitura u s-sanzjoni li hemm ikkontemplata u kontenuta espressament fis-subaritkolu (5) ta' l-Artikolu 836 (kif sostitwit bl-Att XXIV tal-1995) huma ta' natura drakonjana, imma fl-istess waqt huma sufficjentement cari u inekwivoci fl-assolutezza taghhom. Ikun ukoll kollu inutli f'dan l-istadju li l-appellanti joqghodu jispjegaw dak li messha jew ma messhiex ikkunsidrat il-Qorti (l-ewwel wahda, jigifieri) qabel ma hija laqghet it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghax, ghalkemm huwa

minnu li hemm x'wiehed jghid fuq il-mod pjuttost legger li bih dik il-Qorti laqghet it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru billi kienet sodisfatta li kien hemm proprjeta` x'taghmel tajjeb ghal pretensjoni ta' l-appellanti, il-meritu tal-vertenza in ezami huwa differenti. Il-punt legali li ried jigi rizolt hawn, hu dak dwar jekk jistax wiehed jappella jew jikkontesta tali digriet, darba li nghata. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, li s-subartikolu (5) jippreskludi kjarament tali possibbilita`. Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar, 2005 fl-ismijiet "Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited et".

12. Ghalkemm is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 836 jibda bil-kliem "Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-kodici jew kull ligi ohra .......", huwa evidenti li dan il-"proviso" m'huwiex allaccjat ma' proceduri ohra li xi hadd, bhal-appellanti, jistghu jintraprendu fil-kaz li l-att kawtelatorju taghhom jigi revokat, imma, ghall-kuntrarju, huwa intiz u allaccjat ma' proceduri ohrajn li jistghu eventwalment jittiehdu "mill-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih.......", li certament m'huwiex il-kaz ta' l-appellanti odjerni.

13. L-appellanti jissottomettu fl-ahharnett li bil-kliem uzat fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 836 il-legislatur ried biss jippreskludi d-dritt ta' appell fl-atti ta' dawk il-proceduri kif ukoll id-dritt ta' kontestazzjoni fl-atti ta' dawk il-proceduri. Bir-rispett kollu, dawn l-argumenti wkoll jista' jkollhom biss validita` fil-konfront ta' min ikun qieghed jagixxi biex jinhareg kontro-mandat u mhux ghal min, bhar-rikorrenti appellanti, ikunu dawk li agixxew originarjament ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju. Id-distinzjoni li temani bejn kaz u iehor tohrog kjarament minn qari akkurat ta' l-artikolu in kwistjoni. Ghalhekk dan it-tieni aggravju wkoll jirrizulta li huwa infondat u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------